# Analiżi tal-ikel – il-*canteen* tal-iskola – mistoqsijiet obbligatorji

<table>
<tr><td colspan="3">

## 1. Ikel lokali u staġjonali

*Xi ingredjenti li huma importati minn pajjiżi mbiegħda, tista’ ssibhom hawnhekk fl-istess kwalità, jekk mhux aħjar. Għaldaqstant m’għandekx għalfejn tkompli tgħabbi lill-ambjent b’kilometri żejda. Frott u ħaxix importat jinqata’ qabel isir biex ikun jista’ jiflaħ għall-vjaġġ, u għalhekk ikollu inqas vitamini u minerali mill-frott u l-ħaxix li jinqata’ f’waqtu. U biex ikun jiflaħ għat-trasport ikun miżjud b’kimiki. Minkejja dan kollu, tul il-vjaġġ, it-telf u l-ħela ta’ prodotti ġejjin minn pajjiżi mbiegħda, mhuwiex żgħir.*

*Meta tixtri ikel lokali u li huwa mkabbar skont l-istaġun tiegħu, ikollok is-setgħa tiddeċiedi dwar il-produzzjoni tal-ikel tiegħek.*
</td></tr>
<tr><th>Mistoqsija</th><th>Tweġiba</th><th></th></tr>
<tr><td>

**It-tfal qegħdin jingħataw frott u ħaxix imkabbar Malta?**

- Tista’ tgħid, bejn wieħed u ieħor, x’inhu l-proporzjon ta’ ħaxix u frott imkabbar f’Malta li qed jintuża fil-*canteen*?
</td><td>

☐ **xejn**<br>
☐ **inqas min-nofs l-ikel ta’ xahar**<br>
☐ **iżjed min-nofs l-ikel ta’ xahar**<br>
☐ **kuljum**
</td><td></td></tr>
<tr><td>

**Minn fejn ġejjin l-ingredjenti li jintużaw fil-*canteen* tal-iskola?**
</td><td>
<table>
<tr><th></th><th colspan="2">Oriġini</th></tr>
<tr><th></th><th>Lokali (Malta)</th><th>Importat</th></tr>
<tr><td>Ħaxix</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Frott</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Laħam</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Ħalib u prodotti magħmulin minnu</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Dqiq</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Bajd</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
</table>
</td><td></td></tr>
<tr><td>

**L-ikel li jkun hemm fil-menù tal-*canteen* ikun jirrifletti l-prodotti li jkun qed jitkabbru f’dak l-istaġun partikolari? Iservi ikel differenti fil-ħarifa u fir-rebbiegħa skont l-ikel li jkun fi żmienu fil-gżejjer Maltin?**
</td><td>

**dejjem – regolarment – kważi qatt – qatt**
</td><td></td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| **Tuża frott u ħaxix li jikber/tħawwel fil-ġnien tal-iskola?** | **Fil-*canteen* tal-iskola: IVA/LE X'tuża?...**<br><br>**Waqt il-lezzjonijiet tat-tisjir: IVA/LE X'tuża?...**<br><br>**Xi mkien ieħor: IVA/LE X'tuża?...** | |
| | | |
| | | |

## 2. Mezzi ta' produzzjoni – agrikultura organika u tal-kummerċ ġust

*Il-mod kif issir il-produzzjoni tal-ikel għandu impatt kruċjali fuq is-saħħa tal-pjaneta u tal-abitanti tagħha. 70% tal-popolazzjoni tad-dinja għadha taħdem fl-agrikultura. Il-metodi ta' produzzjoni għandhom effetti aktar milli taħseb.*

***Prodotti tal-kummerċ ġust** jagħtu l-possibbiltà biex il-popli tal-Afrika, tal-Ażja u tal-Amerika Latina jaħdmu f'kundizzjonijiet aħjar. Il-ħaddiema jkunu mħallsa b'mod ġust, ikabbru prodotti b'metodi li jirrispetta l-ambjent u wliedhom ikunu jistgħu jmorru l-iskola.*

***Agrikultura organika** hija waħda mill-forom moderni ta' agrikultura ħielsa minn fertilizzanti kimiċi. Dawn il-fertilizzanti jħallu impatti negattivi fuq l-ambjent u fuq ħajjet il-bniedem u l-annimali.*

| Mistoqsija | Tweġiba | |
|---|---|---|
| **Hemm xi ingredjenti li jintużaw fil-*canteen* tal-marka tal-kummerċ ġust? Liema huma?** | | |
| **Hemm xi ingredjenti fil-*canteen* li huma organiċi? Liema huma?** | | |
| | | |

## 3. Il-konsum tal-laħam

*Iż-żieda fid-domanda tal-laħam twassal għal żieda fil-produzzjoni tiegħu. Il-fabbriki għat-trobbija tal-bhejjem jeħtieġu ammonti kbar ta' għalf li jirrikjedu meded kbar ta' art u ammonti kbar ta' ilma. Ħafna mill-għalf huwa importat mill-Amerika Latina fejn jikber f'għelieqi kbar wara li jkunu nqerdu l-foresti għal dan il-għan. Biex tipproduċi kilo ċanga għas-suq Malti, huwa meħtieġ minn 5,000 sa 15,000 litru ta' ilma, kif ukoll medda kbira ta' art – jiddependi jekk ikunx ġej minn biedja estensiva jew intensiva. Biedja intensiva titfa' kwantità kbira ta' metanu fl-atmosfera – u huwa wieħed mill-aktar gassijiet b'saħħithom mill-gassijiet serra. It-tkabbir tal-produzzjoni tal-laħam b'mod intensiv jikkontribwixxi mhux ftit għat-tibdil fil-klima madwar id-dinja. Sir Paul McCartney, persuna famuża tal-grupp 'The Beatles', beda l-kampanja 'Meat Free Mondays' biex inaqqas l-impatt li għandu l-produzzjoni tal-laħam fuq il-pjaneta: http://www.meatfreemondays.com/.* ☺

| Mistoqsija | Tweġiba | |
|---|---|---|
| **Kemm-il darba fil-ġimgħa tagħżel li ma tikolx laħam mill-*canteen*?** | | |
| | | |

## 4. Agrobijodiversità

*L-agrobijodiversità hija l-varjabbiltà ta' prodotti agrikoli u razez tal-annimali. Maż-żmien qiegħda dejjem tonqos u varjetajiet oriġinali li huma qodma qed jitilfu posthom minn varjetajiet oħra ġodda li jipproduċu iżjed tunnellati ta' qamħ, aktar ħalib, laħam u bajd. Varjetajiet tradizzjonali jħallu anqas profitti imma kapaċi jifilħu aktar għall-bidliet fil-klima u għall-mard, waqt li l-fertilità u l-ħajja twila tagħhom hija aktar konsistenti. Dawn il-kwalitajiet huma aktar importanti minħabba t-tibdil fl-ambjent.*

| Mistoqsija | Tweġiba | |
|---|---|---|
| **Fil-*canteen* tal-iskola ssib varjetajiet differenti ta' prodott partikulari (ngħidu aħna għaċ-ċereali – *millet, buckwheat*, *bulgur*...)?** | | |
| **Fil-*canteen* tal-iskola jintużaw varjetajiet tradizzjonali ta' pjanti lokali?** | | |
| **Fil-*canteen* tal-iskola jintużaw varjetajiet tradizzjonali Maltin ta' annimali?** | | |
| | | |

## 5. Ikel ipproċessat u ż-żejt tal-palm

*L-ipproċessar tal-ikel huwa metodu li l-użu tiegħu jsir b'tali mod li l-ingredjenti jinbidlu f'oħrajn ġodda bi kwalitajiet differenti. Aħna qed nikkonsmaw ammont dejjem jikber ta' ikel ipproċessat li qed jikkawża żieda fl-obeżità fost it-tfal u l-adulti. It-togħma u d-dati tal-iskadenza qegħdin imorru għall-aħjar minħabba ż-żejt tal-palm, li huwa l-aktar żejt ikkumerċjalizzat fid-dinja u li jinstab f'50% tal-ikel ipproċessat. Il-produzzjoni intensa taż-żejt tal-palm qed twassal għal deforestazzjoni, tkażbir tad-drittijiet tal-ħaddiema tal-Indoneżja, u tniġġis fl-atmosfera u l-oċeani.*

| Mistoqsija | Tweġiba | |
|---|---|---|
| **L-ikel qiegħed isir minn ingredjenti friski? X'persentaġġ taħseb li hemm?** | | |
| **Hemm xi ingredjenti fil-*canteen* li fihom iż-żejt tal-palm? X'inhuma dawn l-ingredjenti u x'ammonti fihom?** | | |
| **Jintuża żejt tal-palm fit-tisjir tal-*canteen* (għall-qali, ħami, eċċ.)?** | | |
| | | |

## *6.* Ħela ta' ikel

*Persuna Ewropea tarmi medja ta' madwar 100Kg ta' ikel fis-sena, u skont kalkoli, madwar terz tal-ikel kollu prodott jispiċċa jintrema anke jekk ħafna minnu jista' jintuża. Meta nagħmlu dan ma nkunux qed naħlu biss l-ikel imma anke l-ilma, l-enerġija, l-art u l-flus li jintużaw għall-produzzjoni tal-ikel.*

<table>
<tr><th>Mistoqsija</th><th>Tweġiba</th><th></th></tr>
<tr><td>Huwa possibbli li titlob li jkollok porzjon iżgħar u jekk ikun hemm bżonn tqum tieħu darba oħra?</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Kemm qed jintrema ikel fil-canteen?<br><br>*Tkellem ma' min qed jimmaniġġja l-canteen biex tara jekk tistax tiżen jew tkejjel l-ammonti tal-fdalijiet tal-ikel (kemm dak li jitħalla fil-platti u kif ukoll dak li jibqa' fil-kċina u jintrema). Ikkalkula kemm qed jintrema ikel f'ġimgħa.</td><td>
<table>
<tr><th></th><th>Ikla (niżżel l-ikla li kienet servuta biex tkun tista' terġa' tuża l-analiżi għall-futur)</th><th>Ammonti f'kilogrammi jew f'litri</th></tr>
<tr><td>It-Tnejn</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>It-Tlieta</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>L-Erbgħa</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Il-Ħamis</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Il-Ġimgħa</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Total</td><td></td><td></td></tr>
</table>
</td><td></td></tr>
<tr><td>X'tagħmel bid-deżerti, frott, jogurts li ma tikolx meta tkun fil-canteen?</td><td>1. M'għandniex permess noħorġuh 'il barra mill-canteen.<br><br>2. Nistgħu nitfgħuh f'post speċjali fejn jista' jieħdu ħaddieħor.<br><br>3. Irridu neħduh magħna.</td><td></td></tr>
<tr><td>Fejn jispiċċaw il-fdalijiet tal-ikel fil-canteen?</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Min jimmaniġġja l-canteen jistaqsi lill-istudenti xi jħobbu u x'ma jħobbux?</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
</table>